31974L0150

L 84/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.3.1974

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

ta' l-4 ta' Marzu 1974

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi bir-roti għall-agrikoltura jew għall-forestrija

(74/150/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi f'kull Stat Membru it-tratturi għandhom jikkonformaw ma' ċerti ħtiġiet tekniċi mandatarji; billi dawk il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor u konsegwentement ifixklu l-kummerċ fil-Komunità Ekonomika Ewropea;

Billi dak it-tfixkil għall-istabbiliment u t-tħaddim xieraq tas-suq komuni jista' jitnaqqas, u jiġi wkoll eliminat, jekk l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet, jew b'żieda jew minflok il-liġijiet eżistenti tagħhom;

Billi l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva japplikaw għal tratturi iffitjati b'*tyres* pnewmatiċi li jkollhom veloċitàa massima disinjata ta' bejn is-6 km u l-25 km/siegħa; billi dawn il-ħtiġiet huma maħsuba prinċipalment biex itejbu s-sigurezza fit-triq u fuq ix-xogħol safejn huwa kkonċernat id-disinn ta' dawn il-vetturi; billi, min-naħa l-oħra, tratturi oħra u, b'mod partikolari, dawk b'veloċità massima li teċċedi l-25 km/siegħa għandhom jekk ikun meħtieġ, ikunu suġġetti għall-ħtiġiet speċjali;

Billi ħija l-prattika stabbilita li l-Istati Membri jivverifikaw li t-tratturi jikkonformaw mal-ħtiġiet tekniċi relevanti qabel ma jitqiegħdu fis-suq; billi din il-verifika ssir fuq it-tipi tat-tratturi;

Billi l-ħtiġiet tekniċi armonizzati applikabbli għal partijiet u l-karetteristiċi individwali tat-tratturi għandhon jiġu speċifikati f'Direttivi speċjali;

Billi fil-livell Komunitarju huwa meħtieġ li tiġi introdotta proċedura Komunitarja ta' approvazzjoni tat-tip bħal kull tip ta' trattur biex dik il-konformità mal-ħtiġiet imsemmija hawn fuq tkun tista' tiġi vverifikata u kull Stat Membru jkun jista' jagħraf verifiki mwettqa minn Stati Membri oħra;

Billi dik il-proċedura għandha tippermetti lil kull Stat Membru li jiżgura jekk tip ta' trattur ikunx tressaq għall-verifiki stabbiliti fid-Direttivi speċjali u elenkati f'ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip; billi dik il-proċedura għandha tagħmilha possibbli biex il-fabbrikanti jimlew ċertifikat tal-konformità għat-tratturi kollha li jikkonformaw ma' tip approvat; billi trattur li jkollu miegħu ċertifikat ta' din ix-xorta għandu jkun meqjus mill-Istati Membri kollha li jkun jikkonforma mal-liġijiet proprji tagħhom; billi kull Stat Membru għandu javża lill-Istati Membri l-oħra b'dak li jirriżultalu billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip mimli għal kull tip ta' trattur li jkun ġie approvat;

Billi, bħala miżura tranżitorja, għandu jkun possibbli li tingħata approvazzjoni tat-tip fuq il-bażi ta' ħtiġiet Komunitarji kif u meta d-Direttivi speċjali relatati mad-diversi partijiet jew karatteristiċi tat-tratturi jidħlu fis-seħħ, waqt li l-ħtiġiet nazzjonali jibqgħu applikabbli fir-rigward tal-partijiet u l-karatteristiċi li jkunu għadhom mhux koperti b'dawk id-Direttivi;

Billi, minħajr preġudizzju għall-Artikoli 169 u 170 tat-Trattat, huwa konsiljabbli li fil-qafas tal-kooperazzjoni bejn l-awtortajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet biex jgħinu jirsolvu l-kwistjonijiet ta' natura teknika rigward il-konformità tal-mudelli tal-produzzjoni għal tip approvat;

[1] ĠU Ċ 160, 18.12.1969, p. 29.
[2] ĠU Ċ 48, 16.4.1969, p. 17.

Billi trattur jista' jikkonforma ma' tip approvat iżda xorta waħda jkollu ċerti fatturi li jkunu perikoli potenzjali għassigurezza fit-triq jew fuq ix-xogħol; billi huwa għalhekk ta' min jippreskrivi proċedura approprjata biex telimina perikoli ta' din ix-xorta;

Billi l-progress tekniku jitlob l-adattazzjoni mill-ewwel tal-ħtiġiet tekniċi speċifikati fid-Direttivi speċjali; billi, biex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan il-għan, għandha tiġi preskritta proċedura biex tiġi stabbilta kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummisjsoni fil-Kumitat dwar l-Adattazzjoni għall-Progress Tekniku tad-Direttivi u t-Tneħħija ta' l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ fis-settur tat-Tratturi għall-Agrikoltura jew għall-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

Definizzjonijiet

Artikolu 1

1. "Trattur għall-agrikoltura jew għall-forestrija" tfisser kull vettura bil-mutur mgħammra bir-roti jew *tracks* mingħajr tarf, li jkollha talanqas żewġ fusien, li l-funzjoni prinċipali tagħha tkun il-qawwa tal-ġibda u li tkun iddisinjata speċifikatament biex tiġbed, timbotta, iġġorr jew tħaddem ċerti *power tools,* makkinarju jew karrijiet maħsuba użati għall-agrikoltura jew għall-forestrija. Din tista' tkun mgħammra biex iġġorr tagħbija u passiġġieri.

2. Din id-Direttiva għandha tgħodd biss għal tratturi definiti fil-paragrafu 1 hawn fuq li huma mgħammra b'*tyres* pnewmatiċi u li għandhom żewġ fusien u veloċità disinjata massima ta' bejn is-6 u l-25 km/siegħa.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din il-Direttiva:

(a) "approvazzjoni nazzjonali ta' tip" tfisser il-proċedura amministrattiva magħrufa bħala:

— "agréation par type" u "aanneming" fil-liġi Belġjana;

— "standardtypegodkendelse" fil-liġi Daniża;

— "allgemeine Betriebserlaubnis" fil-liġi Ġermaniża;

— "réception par type" fil-liġi Franċiża;

— "type-approval" fil-liġi Irlandiża;

— "omologazione" or "approvazione del tipo" fil-liġi Taljana;

— "agréation" fil-liġi tal-Lussemburgu;

— "typegoedkeuring" fil-liġI Olandiża;

— "type-approval" fil-liġi tar-Renju Unit

(b) "approvazzjoni tat-tip KEE" tfisser il-proċedura li biha Stat Membru jiċċertifika li tip ta' trattur jissodisfa l-ħtiġiet tekniċi tad-Direttivi speċjali u l-verifiki elenkati fiċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE, li l-mudell tiegħu qed jingħata fl-Anness II.

KAPITOLU II

L-approvazzjoni tat-tip ta' trattur KEE

Artikolu 3

L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip KEE għandha titressaq mill-fabbrikant jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu lil Stat Membru. Applikazzjoni għandu jkun hemm magħha dokument ta' tagħrif, li l-mudell tiegħu qed jingħata fl-Anness I, kif ukoll id-dokumenti msemmija fih. Ebda applikazzjoni għal xi tip wieħed ta' trattur ma tista titressaq lill-aktar minn Stat Membru wieħed.

Artikolu 4

1. Stat Membru għandu japprova t-tipi kollha ta' tratturi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tip ta' trattur għandu jikkonforma mal-partikolaritajiet fid-dokument tat-tagħrif;

(b) it-tip ta' trattur għandu jissodisfa l-verifiki elenkati fil-mudell, imsemmi fl-Artikolu 2(b) taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip.

2. L-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jivverifika, safejn ikun meħtieġ, u jekk ikun meħtieġ b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra, illi l-mudelli fil-produzzjoni jikkonformaw mal-prototip approvat. Dawk il-verifiki għandhom ikunu limitati għal verifiki fuq il-post.

L-Istat Membru għandu jimla s-sezzjonijiet kollha taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip għal kull tip ta' trattur li huwa japprova.

Artikolu 5

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jibagħtu fi żmien xahar lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra kopja tad-dokument tat-tagħrif u ċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni għal kull tip ta' trattur li jipprovaw jew li jirrifjutaw li japprovaw.

2. Il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni għandu jimla ċertifikat tal-konformità, li l-mudell tiegħu qed jingħata fl-Anness III, għal kull trattur fabbrikat b'konformità mal-prototip approvat.

3. L-Istati Membri jistgħu, iżda, għal finijiet ta' tassazzjoni tat-trattur jew mili tad-dokumenti tar-reġistrazzjoni, jitolbu li jingħataw fuq iċ-ċertifikat tal-konformità il-partikolaritajiet mhux imsemmija fl-Anness III, sakemm dawk il-partikolaritajiet ikunu espliċitament dikjarati fuq id-dokument tat-tagħrif jew ikunu jistgħu jinġiebu minnu b'kalkolazzjoni sempliċi.

Artikolu 6

1. L-Istat Membru li jkun ta approvazzjoni tat-tip KEE għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li jiġi avżat b'xi waqfien tal-produzzjoni u b'xi bidla fil-partikolaritajiet li jidhru fid-dokument tat-tagħrif.

2. Jekk l-Istat jikkonsidra li dik il-bidla ma tkunx teħtieġ emenda fiċ-ċertifikat eżistenti ta' l-approvazzjoni tat-tip, jew il-mili ta' ċertifikat ġdid ta' l-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lill-fabbrikanti b'dan u għandhom jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra, f'kunsinni minn żmien għal żmien, kopji ta' l-emendi fid-dokumenti tat-tagħrif li jkunu diġà tqassmu.

3. Jekk l-Istat in kwistjoni jsib li emenda fid-dokument tat-tagħrif teħtieġ verifiki ġodda jew testijiet ġodda u li jkun għalhekk meħtieġ li jiġi emendat iċ-ċertifikat eżistenti ta' l-approvazzjoni tat-tip jew li jimtela ċ-ċertifikat ġdid ta' l-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lill-fabbrikant b'dan u għandhom, fi żmien xahar minn mindu jimtlew dawk id-dokumenti l-ġodda, jibagħtuhom lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra.

4. Meta ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip jiġi emendat jew sostitwit jew meta titwaqqaf il-produzzjoni ta' tratturi tat-tip approvat, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip għandu, fi żmien xahar, jikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra n-numri tas-serje ta' l-aħħar trattur fabbrikat b'konformità maċ-ċertifikat l-antik u, fejn ikun jgħodd, in-numri tas-serje tal-ewwel trattur fabbrikat b'konformità maċ-ċertifikat ġdid jew emendat.

Artikolu 7

1. Ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni jew jipprojbixxi l-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' xi trattur ġdid fuq bażi relatata ma' l-operazzjoni jew il-kostruzzjoni tiegħu meta dak it-trattur ikollu miegħu ċertifikat ta' konformità.

2. Madanakollu, dan iċ-ċertifikat m'għandux iżomm lill-Istat Membru milli jieħu dawk il-miżuri dwar it-tratturi li ma jikkonformawx mal-prototip approvat.

In-nuqqas tal-konformità mal-prototip approvat għandu jiġi stabbilit meta jinstab li jkunu jeżistu devjazzjonijiet mill-partikolaritajiet fid-dokument u meta dawn id-devjazzjonijiet ma jkunux ġew awtorizzati taħt l-Artikolu 6(2) jew (3) mill-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip. Trattur m'għandux jitqies li jkun qed jiddevja mit-tip approvat meta t-tolleranzi jkunu permessi minn Direttivi speċjali u dawn it-tolleranzi jiġu rispettati.

Artikolu 8

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta approvazzjoni tat-tip KEE isib li għadd ta' tratturi li jkollhom ċertifikat tal-konformità għal tip partikolari ma jkunux jikkonformaw mat-tip li hu jkun approva, dan għandu jieħu l-miżuri meħtiġa biex jiżgura li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lill-dawk ta' l-Istati Membri l-oħra bil-miżuri meħuda, li jistgħu, fejn meħtieġ, jaslu sa l-iritrar ta' l-approvazzjoni tat-tip KEE. L-awtoritajiet imsemmija għandhom jieħdu miżuri simili jekk dawn jiġu avżati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor b'dak in-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom javżaw lil xulxin, fi żmien xahar, bi kwalunkwe rtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip KEE, u r-raġunijiet għal dik il-miżura.

3. Jekk Stat Membru li jkun ta approvazzjoni tat-tip KEE jikkontesta n-nuqqas tal-konformità notifikata lilu, l-Istat Membru konċernat għandu jipprova jsolvi l-kwistjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata u għandha, fejn meħtieġ, tikkonsulta b'mod approprjat bil-għan li jintlaħaq ftehim.

Artikolu 9

1. Jekk Stat Membru jsib li tratturi ta' tip partikolari jistgħu jkunu ta' perikolu għas-sigurtà fit-triq jew fuq ix-xogħol, anke meta dawn ikollhom ċertifikat tal-konformità maħruġ kif imiss, dak l-Istat Membru għandu, għall-perjodu massimu ta' sitt xhur, jirrifjuta li jirreġistra tratturi ġodda ta' dak it-tip jew jipprojbixxi li jinbiegħu, jidħlu fis-servizz jew jintużaw fit-territorju tiegħu. Dan għandu minnufih javża bihom lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, waqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha fi żmien sitt ġimgħat tikkonsulta ma' l-Istati Membri konċernati. Din għandha tagħti opinjoni mingħajr dewmien u tieħu l-passi meħtieġa. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li emenda kif maħsuba fl-Artikolu 11 tkun meħtieġa, il-perjodu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jittawwal sakemm il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tkun kompluta.

KAPITOLU III

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Artikolu 10

1. Malli din id-Direttiva tkun daħlet fis-seħħ u kif id-Direttivi speċjali meħtieġa għall-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip KEE jibdew jgħoddu:

— fl-Istati Membri fejn tratturi jew kategorija ta' tratturi ikunu suġġetti għall-approvazzjoni nazzjonali tat-tip, dik l-approvazzjoni nazzjonali tat-tip għandha tkun ibbażata fuq il-ħtiġiet tekniċi armonizzati minflok fuq il-ħtiġiet nazzjonali korrispondenti jekk l-applikant hekk jitlob;

— fl-Istati Membri fejn tratturi jew kategorija ta' trattur ma jkunux suġġetti għall-approvazzjoni nazzjonali tat-tip, il-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' dawk it-tratturi m'għandhomx jiġu rrifjutati jew ipprojbiti fuq il-bażi li jikkonformaw mal-ħtiġiet tekniċi awtorizzati minflok mal-ħtiġiet nazzjonali korrispondenti b'dan illi l-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu javża lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istati li dawn ikunu hekk jikkonformaw;

— malli ssir applikazzjoni minn fabbrikant jew rappreżentant awtorizzat tiegħu u malli jitressaq id-dokument tat-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 3, l-Istat Membru konċernat għandu jimla s-sezzjonijiet taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Artikolu 2(b). Kopja ta' dan iċ-ċertifikat għandha tinħareġ lill-applikant. L-Istati Membri l-oħra għandhom jaċċettaw dan id-dokument bħala xhieda li l-verifiki meħtieġa jkunu saru fuq l-istess tip ta' trattur.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu revokati malli l-ħtiġiet kollha neċessarji għall-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip KEE jibdew jgħoddu.

KAPITOLU IV

Dispożizzjonijiet ġenerali u finali

Artikolu 11

Kwalunkwe tibdil li jkun meħtieġ biex jiġu adattati:

— l-Annessi I, II u III ta' din id-Direttiva; jew

— id-dispożizzjonijiet li jinsabu fid-Direttivi speċjali msemmija fl-Anness II u speċifikati f'kull waħda minn dawk id-Direttivi,

biex iqisu l-progress tekniku għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13.

Artikolu 12

1. Il-Kumitat dwar l-Adattazzjoni għall-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar it-Tneħħija ta' l-Ostakoli Tekniċi għall-Kummerċ fis-Settur tat-Tratturi għall-Agrikoltura u għall-Forestrija, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Kumitat", qiegħed b'hekk jitwaqqaf; dan għandu jkun jikkonsisti minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri b'rappreżentant tal-Kummissjoni bħala President.

2. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

Artikolu 13

1. Meta l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tiġi segwita, il-materji għandhom jitressqu quddiem il-Kumitat mill-President, jew fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba tar-rappreżentant ta' Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jressaq quddiem il-Kumitat abbozz dwar il-miżuri li għandhom jiġu adottati. Il-Kumitat għandu jagħti l-Opinjoni tiegħu fuq l-abbozz fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-President waqt li titqies l-urġenza tal-każ. L-opinjonijiet għandhom jiġu adottati b'maġġoranza ta' 41 vot, bil-voti ta' l-Istati Membri peżati kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat. Il-President m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba meta dawn ikunu skond l-Opinjoni tal-Kumitat.

(b) meta l-miżuri maħsuba ma jkunux skond l-Opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ebda Opinjoni ma tiġi adottata, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tipproponi lill-Kunsill il-miżuri li għandhom jiġu adottati. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

(ċ) Jekk, fi żmien tliet xhur minn meta l-proposti jitressqu quddiemu, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 14

Xi deċiżjoniżjonijiet meħuda skond id-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u li jkunu jirrifjutaw jew jirtiraw approvazzjoni tat-tip, jew li jkunu jirrifjutaw reġistrazzjoni jew jipprojbixxu bejgħ jew użu, għandhom jiddikjaraw fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom ikunu ġew ibbażati. Deċiżjoni għandha tiġi notifikata lill-parti konċernata, li għandha fl-istess waqt tiġi mgħarrfa bir-rimedji disponibbli għaliha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u bil-limiti taż-żmien permessi għall-eżerċizzju ta' dawk ir-rimedji.

Artikolu 15

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet li jkun fihom id-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva fi żmien tmintax-il xahar min-notifika tagħha u għandhom minnufih javżaw lill-Kummissjoni bihom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva jiġu komunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 16

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-4 ta' Marzu 1974.

Għall-Kunsill

Il-President

W. SCHEEL

ANNESS I

IL-MUDELL TAD-DOKUMENT TAT-TAGĦRIF [a]

0.	ĠENERALI
0.1.	L-għamla (l-isem ta' l-impriża)
0.2.	It-tip u d-deskrizzjoni kummerċjali (semmi xi varjanti)
0.3.	L-isem u l-indirizz tal-fabbrikant
0.4.	L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-fabbrikant (jekk ikun hemm)
0.5.	Il-post fejn jinsabu l-pjanċi statutorji u l-iskrizzjonijiet u l-metodu tat-twaħħil:
0.5.1.	Fuq it-trattur stess
0.5.2.	Fuq il-magna
0.6.	In-numri tas-serje tat-tratturi ta' dan it-tip jibdew min-Nru…
1.	IL-KARATTERISTIĊI ĠENERALI TAL-KOSTRUZZJONI TAT-TRATTUR (waħħal ritratti ta' 3/4 ta' quddiem u 3/4 ta'wara u disinn bil-qisien tat-trattur sħiħ)
1.1.	L-għadd tal-fusien u r-roti
1.1.1.	L-għadd tal-fusien b'*tyres* doppji (fejn jgħodd)
1.2.	Ir-roti motorizzati (l-għadd, il-pożizzjoni, il-konnessjoni ma' fusien oħra)
1.3.	Il-pożizzjoni u l-orjentament tal-makna
2.	Il-PIŻIJIET U L-QISIEN [b] (f'mm u kg)
2.1.	Il-*wheelbase*(s) [c]
2.2.	Il-wisa' tal-medda ta' kull fus (imkejjel bejn is-*symetry planes* tat-*tyres* singli jew doppji normalment iffittjati) (għandu jiġi dikjarat mill-fabbrikant) [d]
2.3.	Il-qisien massimi (jew globali) tat-trattur bl-esklużjoni ta' l-aċċessorji mhux obbligatorji iżda inkluż l-apparat ta' l-ingaġġ
2.3.1	It-tul [e]
2.3.2.	il-wisa' [f]
2.3.3.	l-għoli [g]
2.3.4.	l-isporġenza fuq quddiem [h]
2.3.5.	l-isporġenza fuq wara [i]
2.3.6.	l-għoli mill-art [j]
2.4.	Il-piż tat-trattur mhux mgħobbi waqt li jkun jaħdem, i.e. esklużi l-aċċessorji mhux obbligatorji iżda inkluż ir-refriġerant, iż-żjut, il-karburant, l-għodod u x-xufier [k]
2.4.1.	Id-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien
2.5.	Il-piżijiet tas-saborra (deskrizzjoni)
2.5.1.	Id-distribuzzjoni ta' dawn il-piżijiet bejn il-fusien
2.6.	Il-piż massimu teknikament permissibbli kif dikjarat mill-fabbrikant
2.6.1.	Il-piż massimu tat-trattur mgħobbi skond l-ispeċifiċi tat-*tyres*
2.6.1.1.	Id-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien
2.6.2.	Il-limiti tad-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien (speċifika l-limiti minimi f'perċentwali fuq il-fus ta' quddiem..u fuq il-fus ta' wara…)

2.6.3. Il-piż massimu fuq kull wieħed mill-fusien skond l-ispeċifika tat-*tyre*

2.6.4. Il-piż massimu li jiġi rmonkat.

2.6.5. It-tagħbija massima vertikali fil-punt ta' l-ingaġġ (ġanċ jew sistema speċjali ta' *threepoint linkage*) [l]

2.6.5.1. Il-pożizzjoni tal-punt li fuqu tistrieħ din it-tagħbija vertikali

2.6.5.1.1. L-għoli 'l fuq mill-art

2.6.5.1.2. Id-distanza bejn il-pjani vertikali minn ġoċ-ċentru tal-fus ta' wara u l-punt ta' l-ingaġġ

3. IL-MAGNA

3.1. Il-fabbrikant

3.2. Isem

3.3. It-tip (spark-ignition, compression ignition eċċ.), iċ-ċiklu

3.4. L-għadd u l-orjentament taċ-ċilindri

3.5. *Il-bore, l-istroke* u l-kapaċità taċ-ċilindri

3.6. Il-produzzjoni massima ta' ta' l-enerġija (speċifika l-i*standard* użat eż. ISO, BSI, CUNA, DIN, DGM, SAE) f'… rkm bil-*governor in operation*

3.7. *Torque* massimu f'… rpm (l-istess *standard* bħal 3.6)

3.8. Il-karburant normali

3.9. It-tankijiet tal-karburant (il-kapaċità u l-pożizzjoni)

3.10. It-tankijiet tar-riserva tal-karburant (il-kapaċità u l-pożizzjoni)

3.11. Is-sistema tal-provvista tal-karburant (it-tip)

3.12. Is-*supercharger* (jekk iffittjat) (it-tip, il-kontroll, il-pressa tas-*supercharging*)

3.13. L-i*speed governor* (jekk ikun iffittjat) (il-prinċipji tat-tħaddim)

3.14. Is-sistema elettrika (il-vultaġġ *earth positive* jew *earth negative*)

3.15 Il-ġeneratur (it-tip u l-ammont nominali tal-produzzjoni)

3.16. L-*ignition* (it-tip ta' *fittings*, it-tip ta' *advance setting*)

3.17. L-*interference suppressor* (deskrizzjoni)

3.18. Is-sistema ta' tkessiħ (l-arja, l-ilma)

3.19. Il-livell estern tal-ħoss

3.20. Is-sistema ta' l-espurgant *(is-silencer)* (skizz)

3.21. Il-miżuri li jittieħdu kontra t-tniġġis ta' l-arja

3.22. Il-mekkaniżmu għat-twaqqif tal-magna

4. IT-*TRANSMISSION* (Skizz tat-*transmission* u disinn) [m]

4.1. It-tip (mekkaniku, idrawliku, elettriku, eċċ.)

4.2. Il-*clutch* (it-tip)

4.3. Il-*gearbox* (it-tip, l-ingaġġ dirett, il-metodu tal-kontroll)

4.4. It-*transmission* mill-magna għall-*gearbox*, il-fusien ta' wara, il-*gears* tat-trasferimnet jew dawk intermedjarji (jekk iffittjati)

4.5. Il-*gear radio* bil-kaxxi tat-trasferiment jew mingħajrhom [n]

Il-*gear*	Il-proporzjonijiet tal-*gearbox*	Il-proporzjon tas-sewqan finali	Il-proporzjonijiet globali tal-*gear*
1			
2			
3			
.....			
Ir-*reverse*			

4.6. Il-veloċità massima tat-trattur fl-ogħla *gear* f' kks (uri l-fatturi wżati fil-kalkolu ([n])

4.7. Il-moviment 'il quddiem tar-roti motorizzati li jikkorrispondi ma' dawra waħda

4.8. L-ispeedometer,it-tachometer u l-hour meter (jekk iffittjati)

4.9. Id-*differential lock* (jekk iffittjat)

4.10. *Il-power take-offs* (id-dawriet kull minuta u l-proporzjon ta' din il-figura ma' dak tal-magna) (l-għadd u l-pożizzjoni):

4.10.1. — il-main power take-off

4.10.2. — oħrajn

4.11. — il-protezzjoni tal-*power take-offs*

4.12. Il-protezzjoni tal-partijiet tal-magna, tal-partijiet li jisporġu u tar-roti

4.12.1. protezzjoni *singleface*

4.12.2. il-protezzjoni *multiface*

4.12.3. il-protezzjoni ta' l-għeluq totali

5. IS-SUSPENSION

5.1. It-tyres li bihom normalment ikun mgħammar (id-daqs, il-karatteristiċi, il-pressa tan-nefħa għall-użu fit-triq u t-tagħbija massima permissibbli)

5.2. It-tip ta' *suspension* (jekk tkun u iffittjata) għal kull fus jew rota

5.3. Mekkaniżmi oħra (jekk ikun hemm)

6. L-i*STEERING* (disinn)

6.1. It-tip tal-mekkaniżmu u t-*trasmission* lejn ir-roti, il-metodu ta' l-għajnuna (jekk ikun hemm) (il-metodu u d-disinn ta' l-operat, l-għamla, it-tip jekk ikun meħtieġ), u l-isforż biex jitrieġa t- tmun

6.2. L-angolu massimu għad-dawran tar-roti:

6.2.1. lejn il-lemin… (fi gradi): l-għadd ta' dawriet tat-tmun

6.2.2. lejn ix-xellug… (fi gradi): l-għadd ta' dawriet tat-tmun

6.3. Iċ-ċirku mininmu tad-dawran (mingħajr l-użu tal-brekijiet) ([o]):

6.3.1. lejn il-lemin

6.3.2. lejn ix-xellug

7. IL-BREJKIJIET (skizz globali u skizz ta' l-operat) ([p])

7.1. Il-mekkaniżmu tal-brejkijiet

7.2. Il-mekkaniżmu sekondarju tal-brejkijiet (jekk ikun iffittjat)

7.3. L-mekkaniżmutal-brejkijiet meta pparkjat

7.4. Apparati addizzjonali għall-ibbrejkjar (jekk iffittjati) (inkluż ir-*retarder*)

7.5. Il-kalkolu tas-sistema ta' l-ibbrejkjar: Il-kalkolu tal-proporzjon bejn il-forzi totali ta' l- ibbrejkjar fiċ-ċirkonferenza tar-roti u l-forza applikata fil-kontroll ta' l-ibbrejkjar

7.6. Il-*linkage* tal-kontroll tal-brejkijiet tax-xellug u tal-lemin

7.7. Is-sorsi ta' enerġija (jekk ikun hemm) (il-karatteristiċi, il-kapaċità tar-riservi ta' l-energija, il-pressjoni massima u minima, il-*gauge* tal-pressa u l-makkaniżmu għat-twissija tal-pressa minima fuq id-*dashboard*, il-kontenituri tar-riserva tal-vakuum u l-valvola tal-provvista, il-kompressuri tal-provvista, il-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-mekkaniżmutal-pressa)

7.8. It-tratturi maħsuba biex jiġbdu karru:

7.8.1. il-mekkaniżmu li jimmotiva l-brejkijiet ta' karru

7.8.2. il-konnessjonijiet, l-ingaġġi, il-mekkaniżmi tas-sigurezza

8. L-ANGOLU TAL-VISTA, IL-MIRJA LI JURU WARA, L-MEKKANIŻMU PROTTETTIV FIL-KAŻ TA' QLIB, IL-PROTEZZJONI KONTRA T-TEMP, IS-SEDILI U L-PJATTAFORMI TAT-TAGĦBIJA, IL-LIVELL TAL-ĦOSS FEJN IL-WIDNA TAS SEWWIEQ

8.1.	Il-medda safejn wieħed jista' jara
8.2.	Il-mirja li juru wara
8.3.	Il-mekkaniżmi tal-protezzjoni fil-każ ta' qlib
8.3.1.	Id-deskrizzjoni (it-tip, jekk jinqalgħux jewle, eċċ.)
8.3.2.	Il-qisien interni u esterni
8.3.3.	Il-materjali u l-metodi tal-kostruzzjoni
8.4.	Il-kabina, dispożizzjonijiet ġenerali
8.4.1.	Il-bibien (l-għadd, il-qisien, id-direzzjoni tal-ftuħ, is-serraturi u ċ-ċappetti)
8.4.2.	Il-*windscreen* u t-twieqi l-oħra (jekk ikun hemm) (l-għadd u l-pożizzjoni, il-materjali wżati)
8.4.3.	Il-windscreen wiper
8.5.	Arranġamenti oħra għall-protezzjoni mit-temp
8.6.	Is-sedili u l-pedani
8.6.1.	Is-sedil tas-sewqan (il-pożizzjoni u il-karatteristiċi)
8.6.2.	Is-sedili tal-passiġġieri (l-għadd, il-qisien, il-pożizzjoni u l-karatteristiċi)
8.6.3.	Il-pedani
8.7.	Il-pjattaforma tat-tagħbija
8.7.1	Il-qisien
8.7.2.	Il-pożizzjoni
8.7.3.	It-tagħbija teknikament permissibbli
8.7.4.	It-tqassim tat-tagħbija bejn il-fusien tat-trattur
8.8.	Il-livell tal-ħoss f'widnejn ix-xufier
8.9.	Il-mezz ta' l-aċċess għall-pożizzjoni tas-sewqan
9.	ID-DWAL U L-MEKKANIŻMI TAS-SINJALIZZAZZJONI BID-DAWL (Skizzi ta' barra tat-trattur li juru l-pożizzjoni tas-superfiċji li jdawlu ta' l-apparati kollha: il-kulur tad-dwal)
9.1.	L-apparati obbligatorji
9.1.1.	Il-dwal tas-sorpass
9.1.2.	Id-dwal ta' fuq quddiem
9.1.3.	Id-dwal ta' fuq wara
9.1.4.	L-indikaturi tad-direzzjoni
9.1.5.	Ir-rifletturi ta' wara b'riflessi ħomor
9.1.6.	Id-dwal ta' wara fuq il-pjanċa tar-reġistrazzjoni
9.2.	L-apparati mhux obbligatorji
9.1.1.	Id-dwal tas-sewqan
9.2.2.	Id-dwal taċ-ċpar
9.2.3.	Id-dwal tal-waqfien
9.2.4.	Id-dwal ta' waqt ix-xogħol
9.2.5.	Id-dwal tal-parkeġġ
10.	APPARATI OĦRA
10.1.	L-apparati tat-twissija permezz tal-ħoss
10.2.	Il-mekkaniżmu ta' l-ingaġġ għall-tagħbija orrizontali massima ta'… kg, u ta' tagħbija vertikali massima (jekk ikun hemm) ta'… kg [9]
10.3.	It-tagħmir idrawliku ta' l-irfigħ, *three-point linkage*
10.4.	Fejn issir il-konnessjoni għall-apparati tad-dwal u s-sinjalizzazzjoni permezz tad-dawl fuq il-karru (jekk ikun hemm)

10.5. Il-post u l-marki tal-kontrolli

10.6. Il-post tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni

10.7. Il-mekkaniżmu ta' l-ingaġġ ta' quddiem

10.8. Il-mekkaniżmu tat-twissija kontra l-perikolu

Noti

Għal kull ħaġa fejn għandhom jiġu mehmuża disinji jew ritratti, għandhom jingħataw in-numri tad-dokumenti mehmuża li jikkorrispondu magħhom.

(a) Jekk xi parti tkun ġiet approvata għat-tip, dik il-parti tista' ma tiġix deskritta jekk issir referenza għal dik l-approvazzjoni. Bl-istess mod, parti tista' ma tiġix deskritta jekk il-kostruzzjoni tagħha tkun tidher b'mod ċar mid mid-disinji jew mill-iskizzi mehmuża ma' din il-formola.
(b) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 612 - 1967 u R. 1176 - 1970.
(c) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 789 - 1968 (terminu Nru A.3).
(d) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 789 - 1968 (terminu Nru A.2).
(e) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 789 - 1968 (terminu Nru A.5).
(f) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 789 - 1968 (terminu Nru A.6).
(g) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 789 - 1968 (terminu Nru A.7).
(h) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 612 - 1967 (terminu Nru A.21).
(i) Ir-rakkomandazzjoni R. 612 - 1967 (terminu Nru 22).
(j) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 612 - 1967 (terminu Nru A.8).
(k) Il-piż tax-xufier jitqies bħala 75 kg.
(l) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 1176 - 1970 (terminu Nru 4.14).
(m) Il-partikolaritajiet speċifikati għandhom jingħataw għal xi varjanti proposti.
(n) Tolleranza ta' 5 % hija permessa.
(o) Ir-rakkomandazzjoni ISO R. 789 - 1968 (terminu Nru A.14).
(p) Il-partikolaritajiet li ġejjin jingħataw għal kull mekkaniżmu tal-brejkijiet:
— it-tip u l-karattru tal-brejkijet (skizz bil-qisien) (id-*drums* jew id-*discs* eċċ., ir-roti bbrejkjati, it-*transmission* tas-sistema, il-*friction surfaces*, il-karatteristiċi u l-partijiet effettivi, ir-*radius* tad-*drums*, ix-*shoes* jew id-*discs*, il-piż tad-*drums* u l-mekkaniżmi ta' l-aġġustament);
— it-*transmission* u l-kontroll (eħmeż disinn) il-kostruzzjoni, l-aġġustament, il-*lever ratios*, l-aċċessibilitaċ tal-kontroll u l-pożizzjoni tiegħu, ir-*ratchet control*, fil-każ ta' *transmission* mekkanika, il-karatteristiċi tal-partijiet prinċipali, iċ-ċilindri u l-*pistons* tal-kontroll, iċ-ċilindri tal-brejkijiet).
(q) Il-valuri dwar il-qawwa mekkanika ta' l-apparat ta' l-ingaġġ,

ANNESS II

IĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KEE

A. **Ġenerali**

Iċ-ċertifikati ta' l-approvazzjoni tat-tip maħruġa taħt il-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip KEE għandhom jimtlew kif ġej:

1. Imla s-sezzjonijiet relevanti taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, mogħti taħt B f'dan l- L-Anness, fuq il-bażi tal-partikolaritajiet fid-dokument tat-tagħrif wara l-verifika ta' dawk il- partikolaritajiet.
2. Daħħal l-abbrevjazzjoni/jiet stampati maġenb kull oġġett taċ-ċertfikat ta' l-approvazzjoni tat- tip wara li tlesti l-verifiki u t-testijiet relevanti:

"CONF": ivverifika li l-parti jew il-karatteristika relevanti tikkonforma mal-partikolaritajiet fid-dokument tat-tagħrif;

"SD": ivverifika li l-parti jew il-karatteristika in kwistjoni tikkonforma mal-ħtiġiet armonizzati adottati fl-implimentazzjoni tad-Direttivi speċjali relevanti;

"R": ikkompila r-rapport tat-test li għandu jiġi mehmuż maċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip;

"S": ivverifika li l-iskizz u/jew id-disinn ġie/ġew mehmuż/a.

B. **Iċ-ċertifikat tat-tip ta' mudell approvat għal trattur**

0.	ĠENERALI	
0.1	L-għamla (l-isem ta' l-impriża)	
0.2	It-tip u d-deskrizzjoni kummerċjali (semmi xi varjanti)	
0.3	L-isem u l-indirizz tal-fabbrikant	
0.4	L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant (jekk ikun hemm)	
0.5	Il-post fejn jinsabu l-pjanċi statutorji u l-iskrizzjonijiet u l-metodu tat-twaħħil:	
0.6	In-numri tas-serje tat-tratturi ta' dan it-tip jibdew min-Nru.	
1.	IL-PIŻIJIET U D-DAQSIJIET (f'mm u kg)	
1.1	Il-*wheelbase*	CONF
1.2	It-tul	SD
1.3	Il-wisa'	SD
1.4	L-għoli mhux mgħobbi	SD
1.5	Il-piżijiet tas-saborra	SD
1.6	Il-piż massimu mgħobbi teknikament permissibbli	CONF
1.6.1.	Id-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien	CONF
1.7	Il-piż tat-tagħbija massima permessa	SD
1.7.1	Id-distribuzzjoni ta' dan il-piż bejn il-fusien	SD
1.8	Il-piż massimu teknikament permissibbli fuq kull fus	CONF
1.9	Il-piż massimu permissibbli fuq kull fus	SD
1.10	Il-limiti teknikament permissibbli għad-distribuzzjoni tal-piż bejn il-fusien	CONF
1.11	Il-limiti permissibbli għad-distribuzzjoni tal-piż bejn il-fusien	SD
1.12	Il-piż massimu permissibbli waqt l-irmunkar	SD

1.13.	It-tagħbija massima vertikali fil-punt ta' l-ingaġġ	SD
2.	IL-MAGNA	
2.1.	Il-fabbrikant	
2.2.	Il-produzzjoni tal-qawwa massima f'…… dkm (speċifika l-i*standard* użat)	CONF
2.3.	It-tankijiet tal-karburanti	SD
2.3.1.	It-tankijiet tar-riżerva tal-karburanti (jekk iffittjati)	SD
2.4.	L-eliminatur ta' l-interferenza	SD-R
2.5.	L-i*speed governor* (jekk iffittjat)	SD
2.6.	Il-livell estern tal-ħoss	SD-R
2.7.	Is-sistema ta' l-espurgatur (l-*exhaust pipe*)	SD-R-S
2.8.	It-tniġġis ta' l-arja	
2.8.1.	Id-densità tad-duħħan tal-magni diesel	SD-R
2.9.	IL-mekkaniżmu li jwaqqaf il-makna	SD
3.	IT-*TRANSMISSION*	
3.1.	Il-veloċità massima teoretika kalkolata fl-ogħla *gear* (f'kks)	CONF
3.2.	Il-veloċità massima kalkolata fl-ogħla *gear* (f'kks)	SD
3.3.	Ir-riserva	SD
3.4.	*Il-power take offs*	SD
3.5	Il-protezzjoni ta' partijiet tal-magna, il-partijiet ji jisporġu 'l barra u r-roti	SD
4.	IS-*SUSPENSION*	
4.1.	It-*tyres* normalment iffittjati	CONF
5.	*L-ISTEERING*	
5.1.	It-tip tal-mekkaniżmu u t-*transmission* għar-roti	SD
5.2.	Il-metodu ta' l-għajnuna u l-isforz biex jitrieġa t-tmun	SD
6.	IL-BREJKIJIET	
6.1	*Is-Service braking device*	SD
6.2.	Il-mekkaniżmu tal-brejkijiet meta pparkjat	SD
6.3.	Il-mekkaniżmi addizzjonali għall-ibbrejkjar (jekk iffittjati)	CONF
6.4.	Il-kontroll tal-brejkijiet tal-karru (jekk iffittjat)	SD
6.5.	Il-kondizzjonijiet tat-test	R
6.6.	Ir-riżultati tat-test	R
7.	L-ANGOLU TAL-VISTA, IL-MIRJA LI JURU WARA, IL- MAKKANIŻMI PROTETTIVI FIL-KAŻ TAL-QLIB, Il-PROTEZZJONI KONTRA T-TEMP, IS-SEDILI U L-PJATTAFORMI TAT-TAGĦBIJA U L-LIVELL TAL-ĦOSS GĦALL-WIDNA TAS-SEWWIEQ	
7.1.	L-angolu tal-vista	SD
7.2.	Il-mera li turi wara	SD
7.3.	Il-mekkaniżmi għall-protezzjoni fil-każ ta' qlib	
7.3.1	L-isbarra protettiva waqt il-qlib	SD

7.3.2.	It-tilar tas-sigurezza	SD
7.3.3.	Il-kabina tas-sigurezza	SD
7.3.4.	Xi mekkaniżmi oħra ta' protezzjoni	SD
7.4.	Il-kabina, dispożizzjonijiet ġenerali	
7.4.1.	Il-bibien	SD
7.4.2.	Il-*windscreen* u twieqi oħra	SD
7.4.3.	Windscreen wipers	SD
7.5.	Arranġamenti oħra għat-temp	SD
7.6.	Il-sedili u l-pedani	
7.6.1.	Is-sedil tas-sewqan	SD
7.6.2.	Is-sedili tal-passiġġieri	SD
7.6.3.	Il-pedani	SD
7.7.	Il-pjattaforma tat-tagħbija	SD
7.8.	L-intensità tal-ħoss għall-widnejn ix-xufier	SD
7.9	Il-mezz ta' l-aċċess għall-pożizzjoni tas-sewqan	SD
8.	ID-DWAL U L-MEKKANIŻMI TAS-SINJALIZZAZZJONI BID-DAWL	
8.1.	Il-mekkaniżmi obbligatorji	
8.1.1.	Id-dwal tas-sorpass	SD
8.1.2.	Id-dwal ta' quddiem	SD
8.1.3.	Id-dwal ta' wara	SD
8.1.4.	L-indikaturi tad-direzzjoni	SD
8.1.5.	Ir-rifletturi ta' wara b'riflessi ħomor	SD
8.1.6.	Id-dwal tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni fuq wara	SD
8.2.	Il-mekkaniżmi mhux obbligatorji	
8.2.1.	Id-dwal tas-sewqan	SD
8.2.2.	Id-dwal taċ-ċpar	SD
8.2.3.	Id-dwal tal-waqfien	SD
8.2.4.	Id-dwal ta' waqt ix-xogħol	SD
8.2.5.	Id-dwal tal-parkeġġ	SD
9.	ATTREZZATURI OĦRA	
9.1	Il-mekkaniżmi tat-twissija bil-ħoss	SD
9.2.	L-ingaġġ bejn it-trattur u l-karru	SD
9.3	Il-plakka tal-kurrent għad-dawl u l-mekkaniżmi tas-senjalaetika bid-dawl fuq il-karru	SD
9.4.	Il-post u l-marki tal-kontrolli	SD
9.5.	Il-post tal-pjanċi tar-reġistrazzjoni	SD
9.6.	L-apparat ta' l-ingaġġ ta' quddiem	SD
9.7.	Il-mekkaniżmu għat-twissija kontra l-perikolu	SD

Jiena, hawn taht iffirmat, b'dan niddikjara l-eżattezza tad-deskrizzjoni tal-fabbrikant fid Dokument tat-Tagħrif Nru tat-trattur li n-numru tas-serje tiegħu hu.....li għandu n-numru tal-magna (1)....., wara li t-trattur tressaq mill-fabbrikant bħala prototip tal-mudell .....

Il-verifiki li saru fuq it-talba tal-fabbrikant,....., juru li t-trattur speċifikat hawn fuq, li kien tressaq bħala prototip tas-serje, jissodisfa l-ħtiġiet kollha dwar kull ħaġa f'dan iċ-ċertifikat.

Magħmul fi ..... , ...

.....
(firma)

(1) Jekk indikat mill-fabbrikant

ANNESS III

MUDELL

IĊ-ĊERTIFIKAT TAL-KONFORMITÀ

Jiena, hawn taħt iffirmat, ...
(isem tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant awtorizzat tiegħu)

b'dan niċċertifika li t-trattur

1. L-għamla .....

2. It-tip .....

3. In-numru tas-serje tat-tip .....

Jikkonforma fl-aspetti kollha mat-tip approvat .....

Fi ....., fl- .....

Bi .....

u deskritt fiċ-Ċertifikat ta' l-Approvazzjoni tat-Tip Nru .....

fid-Dokument tat-Tagħrif Nru .....

Magħmul fi ....., ...
(data) (firma)

.....
(kariga)